

Brussell, 25 ta' April 2017  
(OR. en)

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2017/0083 (NLE)**

---

---

8457/17  
ADD 1

COEST 85  
ELARG 28

## PROPOSTA

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	24 ta' April 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2017) 187 final ANNEX 1
Suġġett:	ANNEX tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ta' Protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jstabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom minn naħa u r-Repubblika tal-Użbekistan, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2017) 187 final ANNEX 1.

---

Mehmuż: COM(2017) 187 final ANNEX 1



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 24.4.2017  
COM(2017) 187 final

ANNEX 1

## ANNEX

tal-

### **Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ta' Protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jstabilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom minn naħa u r-Repubblika tal-Użbekistan, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea**

PROTOKOLL  
TAL-FTEHIM TA' SĦUBIJA U KOOPERAZZJONI LI JISTABILIXXI SĦUBIJA BEJN IL-  
KOMUNITAJIET EWROPEJ U L-ISTATI  
MEMBRI TAGĦHOM MINN NAĦA U R-REPUBBLIKA TAL-UZBEKISTAN,  
MIN-NAĦA L-OĦRA, BIEX TITQIES L-ADEŻJONI  
TAR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA  
FL-UNJONI EWROPEA

IR-RENJU TAL-BELĠJU,  
IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA  
IR-REPUBBLIKA ĊEKA,  
IR-RENJU TAD-DANIMARKA,  
IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,  
IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA  
L-IRLANDA,  
IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,  
IR-RENJU TA' SPANJA,  
IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,  
IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,  
IR-REPUBBLIKA TALJANA,  
IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,  
IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,  
IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,  
IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,  
L-UNGERIJA,  
IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,  
IR-RENJU TAN-NETHERLANDS,  
IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,  
IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,  
IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,  
IR-RUMANIJA,  
IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,  
IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,  
IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,  
IR-RENJU TAL-IŻVEZJA,  
IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ

Il-partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-‘Istati Membri’,

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn ‘il quddiem imsejħa “l-Unjoni”, u

IL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA

minn naħa,

U

IR-REPUBBLIKA TAL-UŻBEKISTAN,

min-naħa l-oħra,

minn hawn ‘il quddiem flimkien imsejħa “il-Partijiet Kontraenti,”

BILLI l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom minn naħa u r-Repubblika tal-Użbekistan min-naħa l-oħra, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", kien iffirmat f'Firenze fl-21 ta' Ġunju 1996;

BILLI t-Trattat tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea kien iffirmat fi Brussell fid-9 ta' Diċembru 2011;

BILLI, skont l-Artikolu 6(2) tal-Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u l-aġġustamenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, l-adeżjoni tagħha mal-Ftehim trid tiġi miftiehma permezz ta' konklużjoni ta' protokoll mal-Ftehim;

WARA LI KKUNSIDRAW l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013;

FTIEHMU KIF ĠEJ:

## ARTIKOLU 1

B'dan, ir-Repubblika tal-Kroazja taderixxi bħala parti fil-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom minn naħa u r-Repubblika tal-Uzbekistan min-naħa l-oħra, iffirmit f'Firenze fl-21 ta' Ġunju 1996. Ir-Repubblika tal-Kroazja għandha wkoll tadotta u tieħu nota, bl-istess mod bħall-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni, tat-testi tal-Ftehim u tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti, tad-Dikjarazzjonijiet u tal-Iskambji tal-Ittri annessi mal-Att Finali ffirmati fl-istess data, kif ukoll tal-Protokoll ffirmati fl-2004, fl-2008 u fl-2011, li huma partijiet integrali mill-Ftehim.

## ARTIKOLU 2

Fi żmien debitu wara l-inizjalar ta' dan il-Protokoll, l-Unjoni għandha tikkomunika l-verżjoni bil-lingwa Kroata tal-Ftehim lill-Istati Membri tagħha u lir-Repubblika tal-Uzbekistan. Soġġett għaddħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, il-verżjoni bil-lingwa msemmija fl-ewwel sentenza ta' dan l-Artikolu għandha ssir awtentika bl-istess kundizzjonijiet bħall-verżjonijiet lingwistiċi tal-Ftehim bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan, bl-Ungeriż, u bl-Uzbek.

## ARTIKOLU 3

Dan il-Protokoll għandu jifforma parti integrali mill-Ftehim.

## ARTIKOLU 4

1. Dan il-Protokoll għandu jiġi approvat mill-Partijiet Kontraenti, skont il-proċeduri tagħhom. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan l-għan. L-istrument tal-approvazzjoni għandu jiġi ddepożitat għand is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
2. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara d-data tad-depożitu tal-aħħar strument ta' approvazzjoni.
3. Sakemm jidħol fis-seħħ, dan il-Protokoll għandu japplika b'mod provviżorju b'effett mill-1 ta' Lulju 2013.

## ARTIKOLU 5

Dan il-Protokoll huwa miktub f'duplikati bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bil-Latvjian, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan, bl-Ungeriż, u bl-Uzbek, b'kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku.

B'XHIEDA TA' DAN, il-Plenipotenżjarji ffirmati hawn taħt, mogħtija s-setgħa dovuta għal dan l-effett iffirmaw dan il-Protokoll.

Magħmul fi..., dan... jum ta' ... fis-sena...

GĦALL-UNJONI EWROPEA, IL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA U L-ISTATI MEMBRI

GĦAR-REPUBBLIKA TAL-UŻBEKISTAN